MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
U IMPJEGABILITA'

**ĊIRKULARI**

**Data:** 14 ta' Jannar, 2020 **Ref:** DCLE 01/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi / Prinċipali tal-Kulleġġi u Kapijiet ta' l-Iskejjel Primarji Statali

**Mingħand:** Sur Stephen Cachia, Direttur Ġenerali

**Suġġett:** **Laqgħa għall-Kapijiet tal-Iskejjel Primarji**

---

Għeżież Kollegi,

Nittama li kellkom bidu tajjeb għas-Sena l-Ġdida u t-terminu skolastiku ġdid.

Fil-bidu ta' dan it-terminu nixtiequ norganizzaw laqgħa għall-Kapijiet tal-Iskejjel Primarji kollha biex niddiskutu u nisimgħu l-*feedback* tagħkom fir-rigward ta' żewġ miżuri importanti li qed jiġu implimentati fl-iskejjel primarji, prinċipalment il-kurrikulu emerġenti fis-snin bikrin u l-proġett *One Tablet Per Child*.

Il-laqgħa ser issir kif ġej:

**Data:** Il-Ġimgħa 7 ta' Frar, 2020

**Ħin:** 08.30 – 13.15

**Post:** Sala Kuleġġ Mikiel Anton Vassalli (Ex-M'Assunta Complex), Triq Farsons, Hamrun.

**Programm**:

08.00 - 08.30: Reġistrazzjoni u kafè ta' merħba

08.30 - 10.30: **Il-Kurrikulu Emerġenti fis-Snin Bikrin**

Matul din is-sessjoni, l-EOs Snin Bikrin se jippreżentaw dak li nkiseb s'issa u t-triq' il quddiem. EOs (Primarji) oħra ser ikunu preżenti wkoll biex jispjegaw ir-rabtiet bejn il-kurrikulu emerġenti u l-iżvilupp ta' diversi ħiliet, inkluż il-litteriżmu u n-numeriżmu. Napprezzaw ħafna l-*feedback* tagħkom u diskussjoni miftuħa matul din is-sessjoni sabiex jiġi żgurat li din il-bidla importanti tiġi implimentata bl-aħjar mod possibbli.

10.30 - 1100: Pawża bir-rinfreski

11.00 - 13.00: **Il-proġett "One Tablet per Child"**

Matul din is-sessjoni l-uffiċjali tad-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali ser jispjegaw il-kisbiet ta' dan il-proġett u jinformawkhom dwar awditu li twettaq dan l-aħħar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar fir-rigward tal-użu tat-*tablets* fl-iskejjel. Id-Direttorat ser jispjega wkoll l-isforzi tiegħu biex iżid l-użu ta' *tablets* bħala għodda pedagoġika importanti għall-edukaturi u għall-istudenti. Napprezzaw ħafna l-*feedback* tagħkom fir-rigward tal-użu tat-*tablets*, kif ukoll kwalunkwe materja oħra relatata ma' dan il-proġett.

13.00 - 13.15: Kummenti konklużivi

Nistennew bil-ħerqa d-diskussjoni tagħna dakinhar.

Stephen Cachia
Direttur Ġenerali
Dipartiment għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'